F'dawn it-Termini u Kundizzjonijiet kliem jew termini li jimportaw il-ġeneru maskil jinkludu wkoll il-ġeneru femminil u dak newtru, u l-kliem miktubin fis-singular jinkludu l-plural u dawk fil-plural jinkludu s-singular.

**1. IL-KONT:**

*Dan li ġej japplika meta l-Kont ikun sew Kont ta' Tifdil Teen Plus kemm Kont ta' Aċċess Teen Plus.*

1.1 Kont jista' jinfetaħ fl-ewro biss.

1.2 Mingħajr preġudizzju għall-Klawsoli 2.2 u 3.2, meta ssir applikazzjoni għall-ftuħ ta' Kont il-Bank jista' jitlob u / jew jiġbor dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni fuq id-Detentur tal-Kont u / jew l-Amministratur u l-attivitajiet tagħhom li l-Bank jidhirlu neċessarja. Il-Bank iżomm id-dritt li jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni.

1.3 L-imgħax jinħadem għal kull jum u jitħallas bir-rati li japplikaw fuq il-Kont kif pubblikati mill-Bank minn żmien għal żmien. L-imgħaxijiet miġmugħa fuq il-Kont jiġu kapitalizzati darba fis-sena, bħalissa fl-aħħar tas-sena. Fejn hu permess u sakemm ma jkunx ġie avżat mod ieħor, il-Bank iżomm it-Taxxa Finali fuq l-Imgħaxijiet, skont ir-rata ffissata mill-awtoritajiet. It-Taxxa Finali fuq l-Imgħaxijiet tinqata' biss minn dawk il-kontijiet miżmuma f'isem persuni residenti ta' Malta.

1.4 Rendikont ikun impustat fl-indirizz li jkun ġie kkomunikat lill-Bank skont il-klawsola 1.10 hawn taħt, bħalissa fl-aħħar tas-sena. id-Detenturi tal-Kont ta' Aċċess Teen Plus jirċievu Rendikont ukoll darba fix-xahar. Jekk ma jkunux għaddew tranżazzjonijiet minn mindu jkun inħareġ l-aħħar Rendikont, il-Bank jirriżerva d-dritt li ma jibgħatx Rendikont. Dan ikun mingħajr preġudizzju għad-dritt għal Rendikont fl-aħħar tas-sena. Jekk ikun hemm talba għal Rendikonti addizzjonali dawn ikunu soġġetti għall-ħlas ta' drittijiet skont it-Tariffa tad-Drittijiet tal-Bank ippubblikata fuq is-sit elettroniku www.apsbank.com.mt. Meta jirċievi Rendikont, id-Detentur tal-Kont għandu jivverifika t-tranżazzjonijiet u jirrapporta kwalunkwe nuqqas ta' qbil lill-Bank fi żmien disgħin (90) jum mid-data tar-Rendikont.

1.5 It-tranżazzjonijiet fuq il-Kont jistgħu jsiru:

A. Fil-fergħat u / jew l-aġenziji tal-Bank (L-aġenziji jaċċettaw biss tranżazzjonijiet li ma jinvolvux flus kontanti).
B. Permezz tas-sistema tal-ATMs u l-magni ta' depożitu tal-Bank. (Ara t-Tabella tal-Ħinijiet tal-Qtugħ fuq is-sit elettroniku www.apsbank.com.mt.)
C. Permezz tal-APS 365 Online.
D. Permezz tas-sistema tal-ATMs tal-Bank of Valletta p.l.c. (depożitu u ġbid biss).

1.6 Meta jsiru depożiti permezz tal-ATMs jew il-magni ta' depożitu tal-Bank, huma fejn huma, il-Bank jivverifika l-kontenut tal-envelop tad-depożitu u, fl-eventwalità ta' diskrepanza bejn il-kontenut u l-ammont miktub u / jew entrat fl-ATM jew fil-magna tad-depożitu, l-ammont li jirriżulta lill-Bank jittieħed bħala l-ammont korrett tad-depożitu. Id-Detentur tal-Kont jiġi informat bid-diskrepanza.

1.7 Meta jsiru depożiti permezz tal-Bank of Valletta p.l.c, il-Bank jikkredita l-Kont bl-ammont li jindikawlu huma. Id-Detentur tal-Kont jiġi informat jekk ikun hemm xi diskrepanza.

1.8 Ċekkijiet ta' banek oħra lokali, apparti l-Bank Ċentrali, jiġu meqjusa bħala kklerjati għall-finijiet tal-kalkolu tal-imgħax tlett (3) ijiem ta' xogħol tal-Bank, jew fi żmien ieħor skont kif regolat mill-Malta Clearing House, wara li jkunu ġew depożitati fil-Kont. Ċekkijiet tal-Bank li jkunu depożitati f'fergħa li mhijiex l-istess waħda fejn ikun miżmum il-kont li fuqu jkun miktub iċ-ċekk jiġu meqjusa bħala kklerjati għall-finijiet tal-kalkolu tal-imgħax jum wieħed (1) ta' xogħol tal-Bank wara li jkunu ġew depożitati fil-Kont. Bl-istess mod, fil-każ ta' ċekkijiet bankarji ta' banek barranin il-perijodu tal-ikklerjar ikun determinat skont il-prassi bankarja.

1.9 Fil-każ ta' ċekkijiet bankarji ta' banek barranin, il-Bank jirriżerva d-dritt unikament fid-diskrezzjoni tiegħu li jiddifferixxi l-pagament ta' ġbid kontra l-Effetti mhux Ikklerjati li jistgħu jkunu ġew ikkreditati fil-Kont, u li jitlob rifużjoni jew jiddebita l-Kont (mingħajr telf tal-kambju u biż-żieda tal-kummissjonijiet u d-drittijiet kollha lokali u barranin) fl-eventwalità li xi ammonti entrati ma jitħallsux jew jintilfu in tranżitu.
1.10 Kull komunikazzjoni mill-Bank tintbagħat bil-posta fl-indirizz ipprovdut mal-ftuħ tal-Kont. Il-Bank għandu jiġi avżat minnufih bil-miktub jekk ikun hemm xi tibdil fl-indirizz postali. Il-Bank ma jassumi ebda responsabbiltà għall-komunikazzjonijiet li ma jaslux fid-destinazzjoni tagħhom, u l-preżunzjoni tkun li d-destinatarju jkun irċieva kull komunikazzjoni mibgħuta fl-indirizz postali li jkun ġie kkomunikat lill-Bank, kif imsemmi hawn fuq.
1.11 Il-Bank jirriżerva d-dritt li jagħlaq il-Kont, ikun meta jkun, jekk ikun hemm raġuni valida biex jagħmel hekk. Il-Bank jikkommetti ruħu li jagħti avviż raġonevoli bil-quddiem li jkun se jagħlaq il-Kont. Inoltre, il-Bank jista' jirrifjuta li jeżegwixxi xi tranżazzjoni jew jista' minnufih jittermina tranżazzjoni jew ireġġagħha lura, totalment jew in parti, jekk il-Bank ikollu raġuni biżżejjed biex jemmen li t-tranżazzjoni hija invalida, jew b'xi mod qarrieqa jew illegali jew magħmula in malafede jew li ma saritx mid-Detentur tal-Kont jew jekk dan ma jkunx aġixxa skont dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew għal kwalunkwe raġuni oħra ġustifikabbli. Il-Bank jikkommetti ruħu li jinforma lid-Detentur tal-Kont b'tali rifjut, terminazzjoni jew treġġigħ lura.
1.12 Jekk il-Kont jingħalaq hi xinhi r-raġuni, id-Detentur tal-Kont għandu minnufih jagħti lura lill-Bank il-Kards kollha marbutin ma' dak il-Kont. Bl-istess mod, l-għeluq tal-Kont għal kwalunkwe raġuni jirriżulta fit-telf tal-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja pprovduta taħt il-klawsola 2.5 hawn taħt u l-Bank ma jibqa' obbligat li jagħmel ebda pagament għar-rigward tagħha.
1.13 Il-Kont mhuwiex trasferibbli.

**2. IL-KONT TA' TIFDIL TEEN PLUS:**

2.1 Kont jista' jinfetaħ b'depożitu inizjali minimu ta' €25 minn Amministratur f'isem individwu li jkollu bejn it-tlettax (13) u s-sittax-il (16-il) sena jew inkella minn individwu li ma jkunx taħt is-sittax-il (16-il) sena iżda ma jkunx għalaq it-tmintax (18). Il-Kont ikun merfugħ u miżmum mill-Bank f'isem id-Detentur tal-Kont.
2.2 Mal-ftuħ tal-Kont l-Amministratur għandu jipprovdi lill-Bank, jekk il-Bank ma jkollux diġà, kopja tal-karta tal-identità tiegħu kif ukoll kopji taċ-ċertifikat tat-twelid u tal-karta tal-identità (jekk ikollu waħda) tad-Detentur tal-Kont. Fejn il-Kont jinfetaħ mid-Detentur tal-Kont, dan għandu jissottometti kopja tal-karta tal-identità tiegħu lill-Bank. Dan isir mingħajr preġudizzju għal talbiet ta' kopji ġodda ta' tali dokumentazzjoni għalkemm il-Bank diġà' jkollu.
2.3 Fejn il-Kont ikun infetaħ minn Amministratur, l-Amministratur ikun intitolat li jiġbed il-bilanċ jew parti minnu li jkun hemm fil-kont fil-perijodu ta' tliet (3) xhur immedjatament qabel ma d-Detentur tal-Kont jagħlaq is-sittax-il (16-il) sena. Malli d-Detentur tal-Kont jagħlaq is-sittax-il (16-il) sena, l-Amministratur jitlef kull dritt fuq il-bilanċ, jew għall-bilanċ, li jkun hemm fil-Kont, u d-Detentur tal-Kont ikun intitolat li:

- A. Ikompli jżomm il-Kont. Jew
- B. Jittrasferixxi darba biss ammont ta' mhux aktar minn tletin (30) fil-mija tal-bilanċ li jkun hemm fil-Kont għal Kont ta' Aċċess Teen Plus, u jżomm il-kumplament tal-bilanċ fil-Kont.

2.4 Bl-eċċezzjoni ta' dak li hu pprovdut hawn fuq, fil-Kont jistgħu jsiru biss depożiti, u l-bilanċ li jkun fih il-Kont jista' jinġibed mid-Detentur tal-Kont biss meta dan jagħlaq it-tmintax-il (18-il) sena. F'dik id-data l-Kont jingħalaq u l-bilanċ ta' kreditu li jkun hemm fih jiġi trasferit f'Kont ta' Tifdil normali. Fl-eventwalità li d-Detentur tal-Kont ma jikkonformax ma' din il-kundizzjoni u ma jmurx il-Bank biex jagħlaq il-Kont, il-Bank jiftaħ Kont ta' Tifdil ġdid f'ismu u jittrasferilu l-kapital u l-imgħax kollu fil-Kont il-ġdid. Id-Detentur tal-Kont jiġi avżat b'dak li jkun sar.
2.5 Fejn il-Kont jinfetaħ minn Amministratur f'isem id-Detentur tal-Kont, il-Kont huwa marbut ma' polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' l-Amministratur. F'każ tal-mewt tal-Amministratur, titħallas fil-Kont somma ekwivalenti għall-medja tal-bilanċi ta' kreditu li jkun hemm fil-Kont matul tnax-il (12-il) xahar preċedenti għad-data tal-mewt tal-Amministratur. Dan il-kreditu jista' jkun sa massimu ta' €12,000.
2.6 Fejn il-Kont jinfetaħ minn aktar minn Amministratur wieħed f'isem id-Detentur tal-Kont, il-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja imsemmija hawn fuq tkun tapplika biss għar-rigward tal-aktar wieħed foshom li jkollu qligħ fit-tnax-il (12-il) xahar immedjatament qabel id-data tal-ftuħ tal-Kont.
2.7 Il-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja tibqa' fis-seħħ jew sad-data li fiha d-Detentur tal-Kont jagħlaq sittax-il (16-il) sena jew sa dik id-data li fiha l-Amministratur jagħlaq ħamsa u ħamsin (55) sena, skont liema tiġi l-ewwel. Kull talba għall-ħlas li ssir taħt l-imsemmija polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għandha tasal għand il-Bank fi żmien xahrejn (2) mill-mewt tal-Amministratur. Ma kull talba, fost dokumenti oħra, wieħed għandu jibgħat iċ-ċertifikat uffiċjali tal-mewt tal-Amministratur.
2.8 Kopja ta' termini u kundizzjonijiet addizzjonali applikabbli għall-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbuta mal-Kont tista tinkeseb mill-Bank.
2.9 Il-ħlas tat-talba jkun fid-diskrezzjoni tal-kumpanija tal-assigurazzjoni.

**3. IL-KONT TA' AĊĊESS TEEN PLUS:**

3.1 Kont jista' jinfetaħ minn individwu li jkollu bejn is-sittax (16) u t-tmintax-il (18-il) sena, b'depożitu inizjali ta' mhux anqas minn €100, u bil-kondizzjoni li dak id-Detentur tal-Kont diġà jkollu Kont ta' Tifdil Teen Plus. id-Detentur tal-Kont jista' wkoll jittrasferixxi fondi minn dan tal-aħħar kif indikat fil-klawsola 2.3 hawn fuq.
3.2 Meta jiftaħ il-Kont, id-Detentur tal-Kont għandu jipprovdi lill-Bank b'kopja tal-karta tal-identità tiegħu. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal talbiet għal kopji ġodda ta' tali dokumentazzjoni, għalkemm il-Bank diġà' jkollu.
3.3 Il-Kont jibqa' miftuħ u miżmum mill-Bank sa dak il-jum li fih id-Detentur tal-Kont jew jagħlqu jew jagħlaq it-tmintax-il (18-il) sena, u f'dat-tieni każ il-bilanċ ta' kreditu li jkun hemm fil-Kont jiġi trasferit f'Kont ta' Tifdil normali. Fl-eventwalità li d-Detentur tal-Kont ma jikkonformax ma' din il-kundizzjoni u ma jmurx il-Bank biex jagħlaq il-Kont, il-Bank jiftaħ Kont ta' Tifdil ġdid f'ismu u jittrasferilu l-kapital u l-imgħax kollu fil-Kont il-ġdid. Id-Detentur tal-Kont jiġi avżat b'dak li jkun sar.
3.4 Il-Kont għandu jinżamm dejjem b'bilanċ pożittiv. Il-Bank għandu d-dritt, ikun meta jkun u bla ma jagħti avviż minn qabel, illi jpaċi bilanċ ta' kreditu fil-Kont kontra kwalunkwe bilanċ ta' debitu li d-Detentur tal-Kont jista' jkollu f'xi kont ieħor mal-Bank.
3.5 Fejn id-Detentur tal-Kont jidhirlu li xi tranżażżjoni qatt ma kienet awtorizzata minnu jew li għaddiet ħażin, id-Detentur tal-Kont għandu jirrapporta l-materja mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn tlettax-il xahar (13) mid-data li fiha l-Kont ikun ġie debitat. Il-Bank jinvestiga l-materja u, jekk jirriżulta li t-tranżażżjoni ma kinetx awtorizzata, jipproċedi biex jirrifondi l-ammont debitat fil-Kont flimkien mad-drittijiet li setgħu jkunu nġabru mill-Bank għar-rigward ta' dik it-tranżazzjoni mhux awtorizzata. Dan isir mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ieħor li jista' jkollu d-Detentur tal-Kont taħt xi termini u kundizzjonijiet oħrajn jew xi ftehim ieħor mal-Bank.
3.6 It-tranżazzjonijiet fuq il-Kont jistgħu jsiru permezz tal-Kard jew permezz ta' ordnijiet fissi, debiti diretti, krediti diretti u trasferimenti oħra awtomatiċi. Transactions on the Account may also be carried out by means of the Card or by means of standing orders, direct debits, direct credits and other automated transfers. Il-Bank jirriżerva d-dritt fid-diskrezzjoni tiegħu li jirtira kwalunkwe Kard maħruġa lid-Detentur tal-Kont, speċjalment jekk ikun hemm xi skorrettezza fit-tħaddim tal-Kont.

**4. TIBDIL F'DAWN IT-TERMINI U KUNDIZZJONIJIET:**

4.1 Il-Bank jista' jibdel dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, inklużi t-Tariffa tad-Drittijiet u t-Tabella tar-Rati tal-Imgħax, billi jdaħħal oħrajn ġodda, unikament fid-diskrezzjoni tiegħu.
4.2 Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tal-Klawsola 4.1 hawn fuq, iċ-ċirkostanzi meta l-Bank jista' jvarja dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jinkludu:

- A. Tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq jew fil-prassi bankarja.
- B. Tibdil fil-kosti tal-Bank.

C. Jekk id-Detentur tal-Kont ikun fi ksur ta' xi waħda minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew jekk id-Detentur tal-Kont ikun inadempjenti b'xi mod ieħor.
D. Tibdil fil-liġi u / jew xi deċiżjoni jew rakkomandazzjoni ta' xi qorti, regolatur jew korp simili.
E. L-introduzzjoni ta' prodotti, sistemi, metodi tal-operat, teknoloġija, mezzi alternattivi ta' qadi, servizzi u faċilitajiet ġodda jew imtejba.
F. L-amalgamazzjoni man-negozju, jew l-akkwiżizzjoni tan-negozju, ta' bank ieħor jew organizzazzjoni oħra li toffri servizzi simili.
G. Tibdil impost jew mitlub minn xi Sistema ta' Pagament.
H. Xi avveniment jew ċirkostanzi li jinqalgħu li jistgħu raġonevolment jeffettwaw il-mod kif id-Detentur tal-Kont iwettaq l-obbligi, wieħed jew uħud jew kollha, li għandu taħt dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

4.3 Tibdiliet f'dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jiġu kkomunikati lid-Detentur tal-Kont tal-anqas xahrejn (2) qabel ma jidħlu fis-seħħ. Jekk il-Bank ma jirċievi ebda oġġezzjoni bil-miktub minn għand id-Detentur tal-Kont, ikun preżunt li d-Detentur tal-Kont ikun aċċetta t-tibdiliet proposti u dawk it-tibdiliet jitqiesu li saru jifformaw parti minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

4.4 Fil-każ ta' Kont ta' Aċċess Teen Plus, Id-Detentur tal-Kont jista' jagħlaq il-Kont jekk xi tibdil li jkun għamel il-Bank ma jkunx jogħġbu

**5. PROMOZZJONI TAL-PRODOTT:**

5.1 Il-Bank jista' jippromwovi dan il-prodott b'mod selettiv u fid-diskrezzjoni tiegħu.

**6. L-INFORMAZZJONI PERSONALI:**

6.1 Il-Bank jittratta l-informazzjoni personali kollha dwar id-Detentur tal-Kont li tkun meħtieġa biex jingħata dan is-servizz bħala privata u kunfidenzjali, anke meta d-Detentur tal-Kont ma jibqax klijent tal-Bank, u ma jiżvela lil ħadd ebda informazzjoni dwar ir-relazzjoni tad-Detentur tal-Kont mal-Bank, jew ismu jew l-indirizz tiegħu, jekk mhux bil-kunsens tad-Detentur tal-Kont jew għax meħtieġ mil-liġi lokali.

6.2 L-informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont u l-Kont tiegħu tista' titqiegħed fuq id-database tal-Bank u tkun użata, analazzata u evalwata mill-Bank biex ikun jista' jagħti servizz aħjar lid-Detentur tal-Kont. Barra l-Bank, din l-informazzjoni, inkluża n-natura tat-tranżazzjonijiet tad-Detentur tal-Kont, tkun żvelata lil terzi persuni sabiex id-Detentur tal-Kont ikun jista' jingħata s-servizz mitlub, u għal għanijiet ta' marketing, ta' prevenzjoni ta' frodi, ta' verifika u ta' ġbir ta' djun, u biex ikun possibbli li jkunu proċessati servizzi għall-Bank f'Malta u barra.

6.3 Il-Bank ifittex li jżomm l-informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont aġġornata. Il-Bank jista' juża lil terzi persuni biex jipproċessaw informazzjoni għalih, u fl-ipproċessar kollu tagħha l-informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont tkun protetta skont kodiċi stretti ta' segretezza u sigurtà li għalihom il-Bank, l-impjegati kollha tiegħu u t-terzi persuni jkunu soġġetti, u tkun użata biss skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Bank.

6.4 Il-Bank jista' wkoll jiżvela informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont u t-tħaddim tal-Kont lil kull persuna li lilha l-Bank jittrasferixxi d-drittijiet u l-obbligi tiegħu taħt dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

6.5 Jekk id-Detentur tal-Kont ma jkunx jixtieq li jiġi kkuntattjat għall-finijiet ta' marketing hu għandu javża lill-Bank b'dan bil-miktub, u sakemm il-Bank ma jirċevix tali oġġezzjoni bil-miktub id-Detentur tal-Kont jitqies li jkun awtorizza lill-Bank biex jinformah, bit-telefon, bil-posta jew b'mezzi oħra, dwar servizzi u prodotti li jistgħu jinteressawh.

6.6 Skond il-leġislazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Detentur tal-Kont jista' jitlob bil-miktub għal kopja ta' ċerta informazzjoni personali li l-Bank ikun qed iżomm dwaru. Id-Detentur tal-Kont għandu wkoll id-dritt li jitlob rettifika, blokkar jew tħassir ta' tali informazzjoni personali li ma tkunx ġiet ipproċessata b'konformità ma' dik il-leġislazzjoni.

6.7 Il-Bank jista' jimmonitorja jew jirreġistra t-telefonati bejn id-Detentur tal-Kont u l-Bank sabiex jassigura li l-istruzzjonijiet tad-Detentur tal-Kont ikunu eżegwiti bil-preċiż, ikun jista' aħjar itejjeb kontinwament is-servizzi tiegħu u jtejjeb is-sigurtà. Fl-interess tas-sigurtà l-Bank jista' jagħmel użu minn apparat ta' reġistrazzjoni bis-CCTV sew fil-bini tiegħu kemm madwaru.

6.8 Meta jikkunsidra l-applikazzjonijiet, il-Bank jista' juża metodi ta' punteġġ ta' kreditu. Jista' wkoll ifittex fir-Reġistru Elettorali jew jagħmel verifiki dwar l-identità. Jista' wkoll jitlob informazzjoni dwar id-Detentur tal-Kont minn għand aġenziji li jipprovdu riferenzi ta' kreditu, u juża din l-informazzjoni jew partijiet minnha għall-finijiet ta' identifikazzjoni, rintraċċar ta' debiti u prevenzjoni ta' ħasil ta' flus kif ukoll għall-amministrazzjoni tal-Kont. L-informazzjoni li jkollu l-Bank tintuża wkoll għall-analiżi statistika dwar kreditu, assigurazzjoni u frodi.

6.9 Dan kollu ta' hawn fuq ikun japplika bl-istess mod għar-rigward tal-informazzjoni personali dwar l-Amministratur.

**7. MGĦAX, DRITTIJIET U TARIFFI:**

7.1 L-informazzjoni kollha meħtieġa dwar tariffi, kummissjonijiet, drittijiet u mgħaxijiet tinstab fit-Tariffa tad-Drittijiet u t-Tabella tar-Rati tal-Imgħax li hemm ippubblikati fuq is-sit elettroniku www.apsbank.com.mt.

7.2 Sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor, il-Bank jista' minn żmien għal żmien jaħfer xi drittijiet, tariffi jew kummissjonijiet li ġeneralment jimponi meta jagħti s-servizzi normali tiegħu lid-Detentur tal-Kont. Dan isir mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe drittijiet, tariffi, kummissjonijiet jew imgħaxijiet li jistgħu jkunu dovuti lill-Bank jew li jista' jkun ġarrab il-Bank minħabba xi ksur mid-Detentur tal-Kont ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

7.3 It-tibdil li jsir fir-rati tal-imgħax jidħol fis-seħħ fid-data li tkun speċifikata fil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil.

**8. ĠENERALi:**

8.1 Id-Detentur tal-Kont għandu jħallas it-tariffi, kummissjonijiet, drittijiet u mgħaxijiet kollha dovuti in konnessjoni mal-Kont flimkien ma' kwalunkwe spejjeż li jista' jġarrab jew jimponi l-Bank kull meta d-Detentur tal-Kont jikser xi waħda minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

8.2 Il-Bank jista' jittrasferixxi d-drittijiet u / jew l-obbligi tiegħu kollha, jew waħda jew uħud minnhom, lil persuna li jidhirlu b'mod raġonevoli li tkun kapaċi li twettaqhom. F'dak il-każ kull fejn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jirreferu għall-"Bank" għandu jitqies li jirreferu għal dik il-persuna li lilha jkunu ġew ittrasferiti dawk id-drittijiet u / jew obbligi. Id-Detentur tal-Kont ma jista' jċedi jew jittrasferixxi ebda wieħed mid-drittijiet u / jew obbligi li hu għandu taħt dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

8.3 Il-Bank jista' xi drabi, unikament fid-diskrezzjoni tiegħu u bla preġudizzju għal ebda wieħed mid-drittijiet tiegħu, akkwistat jew le:
A. Jikkonċedi lid-Detentur tal-Kont aktar żmien biex jikkonforma mal-obbligi tiegħu. Jew
B. Jiddeċiedi li ma jeżiġix id-drittijiet kollha tiegħu, jew wieħed jew uħud minnhom. Jew
Jestendi l-perijodu li għalih ikunu japplikaw xi termini u kundizzjonijiet preferenzjali.

Fejn il-Bank iżomm ruħu milli jeżerċita xi wieħed mid-drittijiet tiegħu, tali kondotta m'għandhiex titqies li tammonta għal rinunzja ta' dak id-dritt, li l-Bank jista' jibqa' jeżerċitah fi kwalunkwe ħin kif permess mil-liġi.

8.4 Fejn ikun meħtieġ li l-Bank li jibgħat xi rendikont, kard u / jew xi dokument ieħor f'indirizz għall-ħsieb ta' ħaddieħor ("indirizz c/o"), huwa ma jassumi ebda responsabbiltà jekk tali dokumenti ma jaslux għand id-destinatarju u / jew jekk ikun hemm xi ksur ta' sigurtà.

8.5 Il-Bank ma jkunx responsabbli għal xi telf li jista' jkun ikkawżat lid-Detentur tal-Kont minħabba xi nuqqas jew dewmien riżultat ta' strajk, azzjoni industrijali, qtugħ fil-provvista tal-elettriku, waqfien ta' makkinarju, jew kwalunkwe kawża oħra li l-Bank ma jkollux raġonevolment kontroll fuqha jew kwalunkwe każ ta' force majeure.

8.6 Ilmenti għandhom isiru bil-fomm jew bil-miktub lill-maniġer taċ-Ċentru għall-Assistenza tal-Klijenti jew b'telefonata fuq in-numru tat-telefon 2122 6644 jew bil-kitba lill-maniġer fuq csc@apsbank.com.mt. Il-Bank jinvestiga l-każ u, fejn ikun xieraq u meħtieġ, jieħu azzjoni immedjata biex jirrettifika s-sitwazzjoni. Tintbagħat irċevuta għal kull ilment u d-Detentur tal-Kont jiġi mgħarraf bir-riżultat tal-istħarriġ. Fl-

eventwalità li d-Detentur tal-Kont ma jkunx sodisfatt bir-riżultat tal-istħarriġ tal-Bank jista' jindirizza l-ilment tiegħu bil-miktub lill-Maniġer għall-Ilmenti tal-Konsumatur, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Attard BKR 3000, Malta jew fuq consumerinfo@mfsa.com.mt

8.7 Id-Detentur tal-Kont jista' jikkomunika mal-Bank bl-Ingliż jew bil-Malti, għalkemm il-Bank jippreferi jikkomunika bl-Ingliż. Il-komunikazzjonijiet għandhom ikunu bil-miktub u, fejn ma jkunx dikjarat jew miftiehem mod ieħor, għandhom jiġu indirizzati lill-maniġer, Ċentru għall-Assistenza tal-Klijenti, APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR4012, Malta.

8.8 Id-Detentur tal-Kont u / jew l-Amministratur f'ismu jintrabat b'dawn it-Termini u Kundizzjonijiet meta jagħmel applikazzjoni personalment f'waħda mill-fergħat jew aġenziji tal-Bank. F'dak il-każ l-applikant jista' jintalab li jiffirma kopja stampata ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet biex tinżamm mill-Bank.

8.9 Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jaqgħu taħt il-Liġi Maltija u l-Partijiet jissottomettu għall-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati tal-Gżejjer Maltin.

8.10 Il-Bank jirriżerva d-dritt li jagħmel kundizzjonijiet addizzjonali u / jew jemenda dawn it-Termini u Kundizzjonijiet (inklużi t-Tariffa tad-Drittijiet, it-Tabella tal-Ħinijiet tal-Qtugħ u t-Tabella tar-Rati tal-Imgħax), tkun xi tkun ir-raġuni. Jingħata żmien ta' avviż raġonevoli għal dan it-tibdil.

8.11 Il-Bank huwa soġġett għall-Iskema ta' Kumpens għad-Depożitanti mwaqqfa skont l-Avviż Legali Nru 369 tal-2003, kif emendata sussegwentement u mħaddma mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet imposti mill-imsemmi Avviż Legali, il-bilanċi fuq kontijiet denominati fl-Ewro jew f'xi munita oħra ta' xi stat taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) miżmuma mal-Bank huma garantiti sa massimu ta' €100,000, jew l-ekwivalenti tagħhom fil-munita tal-ŻEE, għal kull persuna. Id-deċiżjoni dwar talbiet għall-kumpens hija f'idejn l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji. Aktar informazzjoni dwar din l-Iskema tista' tinkiseb mis-siti elettroniċi www.compensationschemes.org.mt u www.mfsa.com.mt .

**9. TERMINI U KUNDIZZJONIJIET ADDIZZJONALI:**

9.1 Meta l-Kont jintuża mill-Bank biex jipprovdi servizzi oħra lid-Detentur tal-Kont, dawn it-Termini u Kundizzjonijiet għandhom jinqraw ħaġa waħda ma' kull ftehim jew termini u kundizzjonijiet li jirregolaw is-servizzi addizzjonali provduti. B'mod partikulari d-Detentur tal-Kont għandu jkun jaf li l-Kont ta' Aċċess Teen Plus jidħol biex jitqies bħala kont ta' pagament u li japplikaw it-Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament, u li fejn hemm konflitt bejn dawk it-Termini u Kundizzjonijiet u dawn, huma d-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva li jipprevalu.

Jien / Aħna, hawn taħt iffirmat(i), niddikjara(w) illi ġejt / ġejna pprovdut(i) kopja tat-Termini u Kundizzjonijiet għal Kontijiet Teen Plus, maħruġa mill-APS Bank Limited, u li jien / aħna qrajthom / qrajniehom, fhimthom / fhimniehom, u naċċetta(w)hom.

________________________________________ ____________________
Firma / Firem Data

________________________________________
Isem u Kunjom / Ismijiet u Kunjomijiet

*Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet inħarġu mill-APS Bank Limited (C2192) li topera mill-APS Centre, Triq it-Torri, Birkirkara BKR4012, Malta. L-APS Bank Limited hija liċenzjata bħala istituzzjoni ta' kreditu mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u hija awtorizzata biex tipprovdi servizzi ta' pagament. Kopji tat-termini u kundizzjonijiet kollha jistgħu jinkisbu mill-fergħat u l-aġenziji tal-APS Bank Limited jew jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku www.apsbank.com.mt.*

***F'każ ta' konflitt bejn il-verżjoni Ingliża u dik Maltija ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, il-verżjoni Ingliża għandha titqies bħala dik korretta.***